MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 39/2006

**Anthony Bonello fil-kapacita tieghu ta' propjetarju tad-ditta Bonello General Merchants**

**vs**

**Maria Dolores Scerri**
**U**
**Bernard Scerri**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' sebgha u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm77.33) rapprezentanti prezz ta' oggetti mibjugha u konsenjati lill-konvenuti, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra ufficjali tal-31.08.2005 u ta'l-ittri interpellatorji.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz fit-28 ta' Jannar 2006 naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebgha u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm77.33) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------